**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**OMISSIS**

**Referenza: 2149/2024 AC**

**Rapport Nru.: GHQ/GBDV/2541/2023**

**Illum is-26 ta' Ġunju, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru **OMISSIS**, bin OMISSIS, imwieled Tal-Qroqq l/o Msida nhar it-28 t'Ottubru 2009, u residenti **OMISSIS**, li kien akkużat talli fl-1 ta' Novembru 2023 għall-ħabta tal-22:00hrs ġewwa Marsaskala:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **ommok OMISSIS** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna tagħha, hekk kif iċċertifika Dr. Rowena Zrinzo (Med Reg: 4632);

2. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil **ommu OMISSIS** b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għaliha;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, bl-iskop li tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **OMISSIS** billi tapplika l-Artikoli 382A *et seq* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lil **OMISSIS** b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata minn din il-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Rat illi waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2024[1], din il-Qorti kif diversament preseduta ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Superviżjoni Proviżjorja fir-rigward tal-imputat;

Rat illi waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju 2025[2], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat li l-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk trid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li l-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma

[1] Ara l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2024 a fol 22 *et seq* tal-proċess
[2] Ara l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Mejju 2025 a fol 39 *et seq* tal-proċess

ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien f'dan l-istadju li l-istess Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;
A rigward id-dettami tal-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tiddikjara li ma hemmx raġuni għalfejn għandha tiddubita l-ħtija tal-imputat minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu f'dan is-sens, u konsegwentement tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti, senjatament is-segwenti:

1. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fil-31 ta' Marzu 2024[3];

2. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[4];

3. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/2541/2023[5];

4. **Affidavit ta' PS 2224 Susanne Mifsud** datat it-3 ta' Diċembru 2023[6] li permezz tiegħu tiddikjara bil-ġurament li nhar it-2 ta' Novembru 2023 għall-ħabta tas-18:15hrs OMISSIS irrappurtat ġewwa s-Sezzjoni tal-Vjolenza Domestika ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Floriana li hija tgħix flimkien ma' żewġ uliedha subien, wieħed ta' 22 sena u ieħor t'14-il sena. Cassar stqarret li dan kien it-tieni rapport fil-konfront ta' binha t'14-il sena OMISSIS, li kompliet tgħid li minn wara li seħħ il-każ ma rritornatx f'darha għalkemm tħallas tas-self mill-Bank.

   Ix-xhud tkompli tiddikjara li l-kwerelanta u binha Oliver kienu ilhom jargumentaw mill-Ħadd wara nofsinhar u fil-ġurnata ta' qabel l-1 ta' Novembru 2023 qabel ma marret ix-xogħol għall-ħabta tal-10:00hrs, matul liema inċident binha OMISSIS qalilha li kien ser jagħmel "***rebus***"[7] fid-dar, u min-naħa tagħha, l-kwerelanta qaltlu li jekk kien ser jagħmel hekk kien jagħmel ħażin u tgħid li telqet għax-xogħol. Il-

[3] Ara a fol 2 tal-proċess
[4] Ara a fol 3 tal-proċess
[5] Ara a fol 4 *et seq* tal-proċess
[6] Ara a fol 8 *et seq* tal-proċess
[7] Ara a fol 8 tal-proċess

kwerelanta kompliet tistqarr li meta waslet id-dar għall-ħabta tal-22:00hrs sabet kxaxen maqlugħin u affarijiet mixħutin mal-art fil-kamra tal-kċina u fil-kamra tas-sodda tagħha. Stqarret ukoll li dak il-ħin ma kellmitux u bdiet tiżbarazza l-affarijiet.

Ix-xhud tkompli tiddikjara li l-kweralanta stqarret li waqt li kienet qed tiżbarazza fil-kċina ġie binha OMISSIS u beda jipprovokaha billi jkellimha fuq affarijiet li ma kellhiex moħħ tisma' u dak il-ħin spiċċa f'argument u qabad il-*mug* tagħha li kien vojt u qalilha "***Dan trid tgawdieh, dan mhux ser tgawdieh***"[8] u waddbu fid-direzzjoni tagħha iżda ma laqathiex. Il-kwerelanta kompliet tistqarr li wara dan binha Oliver beda jmur f'kamartu u jerġa' jiġi lura fil-kċina, b'argument iqum kull darba li jiġi, u f'ħin minnhom sabha aljenata u waddbilha flixkun tal-ħġieġ tal-*Coca* taż-żewġ litri li kien ġabu binha stess minn Sqallija, u laqatha fil-parti t'isfel ta' daharha fuq in-naħa tal-lemin. B'riżultat ta' dan il-kwerelanta tgħid li spiċċat tokrob mal-art bl-uġigħ u kienet għadha sa dakinhar tar-rapport li ma setgħetx tiċċaqlaq. Wara dan binha mar lura fil-kamra tiegħu u hi ħadet xi affarijiet bżonnjużi u telqet mid-dar u marret saċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid. Kienet eżaminata minn Dr. Ruth Grech (MR: 4248) li min-naħa tagħha rreferietha l-Isptar Mater Dei, u f'dan l-istadju l-kwerelanta stqarret li għalkemm marret l-Isptar Mater Dei kellha titlaq minħabba li kienet xogħol kmieni fl-04:30hrs u fil-fatt kienet irċeviet telefonata mill-Isptar fis-05:50hrs biex jistaqsuha jekk kienitx għadha hemm.

Ix-xhud tiddikjara li l-kwerelanta kienet mitluba tgħaddi kopja tar-ritratti tal-ġrieħi u tat-taqlib lill-Pulizija permezz ta' email, liema ritratti kienu annessi mar-rapport odjern. F'dan l-istadju l-kweralanta aċċetat li tagħmel *Risk Assessment*, iżda rrifjutat li tmur f'*shelter* u ddeċidiet li tmur id-dar tagħha. Ir-*Risk Assessment* irriżulta f'punteġġ ta' 10 (*Medium Risk*), bil-fatturi riskjużi identifikati jkunu l-biża', l-użu t'oġġetti biex tweġġa', l-eskalazzjoni fin-natura u l-frekwenza tal-abbuż, u s-saħħa mentali tal-allegat awtur (u ċioe' l-*ADHD* u l-*ODD*);

[8] Ara a fol 8 tal-proċess

Ix-xhud tiddikjara wkoll li nhar is-6 ta' Novembru 2023 rrikorra ġewwa t-Taqsima tal-Vjolenza Domestika OMISSIS, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0363209L fil-presenza tas-*Social Workers* tal-*On Call Service* Emanuel Galea (424) u Rebecca Bajada (521), u kien infurmat bir-rapport u ngħata d-drittijiet legali tiegħu fosthom dak tal-Avukat u tas-silenzju, u kien avżat li dak li kollu li jingħad minnu jista' jinġieb bħala prova fil-konfront tiegħu, u min-naħa tiegħu, Cassar irrifjuta l-assistenza t'Avukat u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens, u ngħata kopja tal-istess;

Ix-xhud tkompli tiddikjara li meta kien mistoqsi x'ġara OMISSIS stqarr li fit-28 t'Ottubru 2023 għalaq sninu u ħareġ flimkien m'ommu u l-ħabib tagħha, u l-ħabib mess lill-ommu u Oliver ma ħax pjaċir u stqarr li din ma kienitx l-ewwel darba. Cassar kompla jistqarr li fid-29 ta' Novembru 2023 reġa' ħareġ m'ommu u marru jieħdu ġelat, u l-ħabib t'ommu biesha u hu ma ħax pjaċir, kompla jistqarr ukoll li fl-1 ta' Novembru 2023 qabel ma ommu marret għax-xogħol kien staqsa lill-ommu jekk kienx hemm xi ħaġa bejniethom u hi wiġbitu li "***għalissa ma hemm xejn***"[9];

Ix-xhud tiddikjara li meta kien mistoqsi jekk kienx qal lill-ommu li kien ser jagħmel rebus id-dar, Cassar ċaħad li qalilha hekk u żied għal għeluq sninu kien qala' xi *vouchers* u kien tahom lill-ommu, u meta staqsieha fejn kienu qabel ma telqet għax-xogħol, kienet fittxithom fil-basket tagħha iżda ma kienitx sabithom u qaltlu li kienitx taf fejn kienu. Stqarr li ommu qaltlu li kien ħadhom hu biex jonfoqhom, u hu min-naħa tiegħu qalleb f'kexxun tal-kalzetti u f'kaxxa li fiha terfa' l-kutri u fil-kċina ġox-xirja li kienet ħalliet;

Cassar kompla jistqarr li kif waslet lura ommu, wara ftit mar ikellimha u qalilha li hi kienet irrabjata fuq dak li kien qalilha, u ommu wriet ix-xewqa li xi kultant jiġi l-ħabib tagħha d-dar, u hu ma qabilx, u skontu "***baqgħet tippriedka li mhux postu biex jindaħal***"[10]. Min-naħa tiegħu, weġibha li tista' tagħmel li trid, basta ma

[9] Ara a fol 10 tal-proċess
[10] Ara a fol 11 tal-proċess

tinvolvix lilu, u mar fil-kamra tiegħu, reġa' mar fil-kċina u kisser il-*mug* t'ommu, u hi marret f'kamartu u kissritlu tazza u kif telqet, mar warajha fil-kċina u kisser flixkun tal-*Coca* tal-litru mal-ħajt, u waddab ieħor lejn ommu u laqatha fuq wara ta' daharha;

Ix-xhud tiddikjara wkoll li mistoqsi jekk riedx iżid xi ħaġa oħra, stqarr li waqt l-argument ommu b'rabja bdiet tgħidlu jmur l-iskola għax ma jkunx irid imur u biex jitgħallem jikteb sew. Wara dan Cassar kien infurmat li kienu ser jinħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu;

5. Ċertifikat Mediku tal-*Parte Civile* li permezz tiegħu iddikjarat li ma setgħetx tattendi għas-seduta tas-26 ta' Settembru 2024[11];

6. Nota tas-*Senior Probation Officer* Marilyn Testa datata l-5 ta' Diċembru 2024 li permezz tagħha informat lil din il-Qorti li kienet nominata l-*Probation Officer* Antonella Debono sabiex issegwi lill-imputat fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[12];

7. Nota tal-*Probation Officer* Antonella Debono datata d-19 ta' Frar 2025 rigward l-andament tal-imputat[13];

8. Ċertifikat Mediku tal-*Parte Civile* OMISSIS datat it-2 ta' Novembru 2023 maħruġ mit-Tabib Dr. Ruth Grech (MR: 4248)[14];

9. Sett ta' ritratti f'envelope abjad[15];

10. Nota tal-*Probation Officer* Antonella Debono datata l-20 ta' Mejju 2025 rigward l-andament tal-imputat[16];

---

[11] Ara Dok A a fol 19 *et seq* tal-proċess
[12] Ara a fol 23 tal-proċess
[13] Ara a fol 24 *et seq* tal-proċess
[14] Ara Dok CC1 a fol 29 tal-proċess
[15] Ara Dok CC2 a fol 30 tal-proċess
[16] Ara a fol 32 *et seq* tal-proċess

11. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[17];

12. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fil-21 ta' Mejju 2025[18];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-piena fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2025[19];

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**Kunsiderazzjonijiet Legali:**

Illi l-imputat kien mixli talli fl-1 ta' Novembru 2023 għall-ħabta tal-22:00hrs ġewwa Marsaskala:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **ommok Kristen Cassar** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna tagħha, hekk kif iċċertifika Dr. Rowena Zrinzo (Med Reg: 4632);

2. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil **ommu Kristen Cassar** b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għaliha;

Li minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet imsemmija, u wara li din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tad-dikjarazzjoni tiegħu, u wara li tagħtu ż-żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura mill-ammissjoni tiegħu, għażel li jikkonfermaha, u

[17] Ara Dok CC1 a fol 41 tal-proċess
[18] Ara Dok CC2 a fol 42 tal-proċess
[19] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 39 *et seq* tal-proċess

konsegwentement, din il-Qorti tqis li dawn l-imputazzjonijiet kienu sodisfaċentement ipprovati;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti ikkunsidrat il-fatturi segwenti:

1. Li l-ammissjoni tal-imputat saret fi stadju relattivament bikri ta' dawn il-proċeduri li konsegwentement jinkwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali fis-sentenzi fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**[20] u **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**[21] [22], u ċioe' li jkun hemm lok għal tnaqqis fil-piena meta l-imputat jirreġistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, li għaldaqstant jiffranka l-użu tal-ħin u riżorsi tal-Qorti għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja;

2. Li din l-ammissjoni saret b'mod liberu, u mingħajr ebda kundizzjoni u riżerva;

3. Il-Fedina Penali netta tal-imputat, u dan anke sal-aħħar aġġornament fil-21 ta' Mejju 2025[23];

4. L-imputazzjonijiet infushom, li jittrattaw reati mwettqa fil-konfront ta' ommu l-*Parte Civile* **OMISSIS**, u ċioe' offiża volontarja ta' natura ħafifa t'importanza żgħira fuq il-persuna tagħha *ai termini* tal-Artikolu 221(3)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* li saret fuq il-persuna t'ommu bħala axxendent *ai termini* tal-Artikolu 222(1)(a) tal-istess Kap., kif ukoll kontravenzjoni b'theddid fil-konfront tal-istess *Parte Civile* **OMISSIS** b'ġebel jew oġġetti iebsin, jew twaddib jew qbid ta' xi arma biex iħebb għaliha *ai termini* tal-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet;

---

[20] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997
[21] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002
[22] Ara wkoll f'dan is-sens Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024, paġni 15-17, Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġna 13-15, Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024, paġna 4
[23] Ara Dok CC2 a fol 42 tal-proċess

5. Li l-imputazzjonijiet, senjatament l-ewwel imputazzjoni, tinkwadra ruħha fid-definizzjoni ta' "vjolenza domestika"[24] u "familja jew unita' domestika"[25] kif imfissrin fl-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Li *stante* t-talbiet alternattivi *ai termini* tal-Artikoli 382A *et seq* u l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Qorti tara li jkun aktar idoneju li tapplika d-dettami tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux l-Ordni ta' Trażżin *ai termini* tal-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan anke in vista tal-fatt li hemm qbil bejn il-partijiet li l-imputat għandu bżonn l-għajnuna u tali tista' tingħata wkoll bis-sapport tal-familja tiegħu;

7. Li l-imputat, *stante* li kien għadu minorenni fiż-żmien tal-inċident, u li minħabba f'dan, jibbenefika minn tnaqqis fil-piena kif provdut fl-Artikolu 37(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Dak li jingħad fin-noti tal-*Probation Officer* Antonella Debono datati d-19 ta' Frar 2025 u l-21 ta' Mejju 2025, li kienet nominata sabiex issegwi lill-imputat fuq Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni, li fihom in suċċint tikkonstata s-segwenti:

    a. Li l-ġenituri tal-imputat huwa separati u jidher li dan affettwa lill-imputat f'diversi aspetti, u li minħabba f'dan, l-imputat aċċetta li jieħu għajnuna psikoloġika mis-*Psychology Practitioner* Sarah Xiberras;

    b. Li filwaqt li ż-żewġ ġenituri jaqblu li t-tnejn iridu l-aħjar għal binhom, jidher li fil-perkors tal-proċeduri kien hemm intervent da parti tad-Direttorat tal-Ħarsien tat-Tfal wara investigazzjoni li saret fir-rigward tal-familja Cassar,

---

[24] "...l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima."

[25] B'referenza partikolari ssir għall-Artikolu 2(ċ) tal-istess Kap., u ċioe' "persuni li huma relatati ma' xulxin jew minħabba l-qrubija mid-demm jew bi żwieġ, unjoni ċivili u, jew koabitazzjoni, sat-tielet grad inklussivament"

li ħa d-deċiżjoni sabiex l-imputat ma jibqax jirrisjedi m'ommu u jibda jirrisjedi flimkien ma' missieru nhar is-7 ta' Mejju 2025. Il-*Probation Officer* tgħid għall-bidu l-omm qablet ma din id-deċiżjoni iżda kienet diżappuntata meta rrealizzat li din il-bidla kienet waħda permanenti, bil-minuri stess ikun maħsud wara li dan fisser li kien ser ikollu jitlaq mill-ambjent li dejjem għex fih. Għalhekk, il-*Probation Officer* u s-*Psychology Practitioner* offrew is-sapport meħtieġ, b'referenza għar-rapport tas-*Social Worker* Kristina Vella għad-Direttorat tal-Ħarsien tat-Tfal[26] li fih hemm spjegazzjoni taċ-ċirkostanzi li wasslu sabiex l-imputat jibda jirrisjedi ma' missieru minflok m'ommu;

c. Li matul il-perjodu li kien taħt is-sorveljanza tal-*Probation Officer*, l-imputat żamm kuntatt regolari magħha u koopera magħha, kif ukoll għamel kambjament mis-sessjonijiet li kellu mas-*Psychology Practitioner* Sarah Xiberras[27];

d. F'dak li jirrigwarda l-edukazzjoni tiegħu, l-imputat għandu l-pjan li jattendi għal-lezzjonijiet tal-privat matul is-sajf biex ikun jista' jagħmel l-eżamijiet tal-livell Ordinarju f'Settembru 2025;

e. Għal dak li jirrigwarda pjan ta' kura, l-*Probation Officer* tispjega li dan huwa li jkompli jattendi għal sessjonijiet b'mod regolari magħha u mas-*Psychology Practitioner* Sarah Xiberras bl-iskop li jibqa' jkun iggwidat u jingħata l-għajnuna neċessarja, u tgħid li "***Huwa mistenni minn OMISSIS li jkompli juri kooperazzjoni***"[28]

Huwa fl-isfond ta' dan kollu, fosthom id-diffikultajiet li għandu u l-kambjament li għamel l-imputat matul iż-żmien li għamel taħt l-Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni, u l-pjanijiet li għandu għall-futur tiegħu, li din il-Qorti tqis li fil-piena li għandha tkun erogata fil-konfront tiegħu *stante* li rreġistra ammissjoni, għandha tilħaq bilanċ bejn is-severita' tal-

[26] Ara a fol 37 *et seq* tal-proċess
[27] Ara r-rapport tagħha dwar l-andament tal-imputat a fol 34 *et seq* tal-proċess
[28] Ara a fol 33 tal-proċess

imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u l-aspett soċjali li ta' spiss jakkumpanja reati fl-ambitu ta' vjolenza domestika, speċjalment meta wieħed jiftakar li dan sar bejn omm u binha. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqis li barra milli għandha tagħmilha ċara li hemm bżonn li jitgħallem minn dak li seħħ minkejja ċ-ċirkostanzi u d-diffikultajiet li jsib ruħu fihom, għandha wkoll tagħti ċans ieħor lill-imputat sabiex ikompli bit-trattament tiegħu filwaqt li tkun assigurata l-protezzjoni tal-*Parte Civile* OMISSIS, kif ukoll jingħata ċ-ċans sabiex ikompli jiżviluppa lilu nnifsu għall-ġid tiegħu innifsu u l-familja tiegħu;

**<u>Decide:</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 31(1)(ċ), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(3)(a), l-Artikolu 222(1)(a) u l-Artikolu 339(1)(b) qiegħda fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, **<u>issib lill-imputat OMISSIS ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu,</u>** iżda *stante* li hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-Artikolu 2 u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati OMISSIS taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza</u>** b'dan illi kif spjegat aktar 'il fuq ikompli jirċievi t-trattament neċessarju għall-kundizzjoni tal-*ADHD tramite* l-*Probation Officer* u s-*Psychology Practitioner* Sarah Xiberras, bl-iskop aħħari li jkompli bl-iżvilupp soċjali, emozzjonali, psikoloġiku u edukattiv tiegħu, u anke jindirizza kwalunkwe problema oħra li jistgħu jkunu konstatati minnhom u minn professjonisti oħra inkarigati matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni. Għalhekk din il-Qorti tordna li l-ħati **OMISSIS** jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' *Probation Officer* indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet relattiv tal-lum u li għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza;

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lill-ħati **OMISSIS** bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel

reat ieħor matul it-terminu tal-Ordni ta' *Probation*, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, *nonche* l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-Ordni hawn fuq imsemmija;

*Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* bid-digrieti tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' **OMISSIS**;

Il-*Probation Officer* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħatja **kull tliet (3) xhur**.

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-ħati, **OMISSIS** taħt Ordni ta' Trattament **għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza**, u dan bl-iskop li jkompli jirċievi t-terapija neċessarja kif kien qed iseħħ matul l-Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni, kif ukoll jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku ieħor neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward, u għal l-istess skop tirrikmanda li l-ħati jibqa' jkun segwit mis-*Psychology Practitioner* Sarah Xiberras fost oħrajn;

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **OMISSIS** fi kliem ċar u sempliċi ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni;

Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **OMISSIS** li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **kull tliet (3) xhur**;

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 383(1) u l-Artikolu 383(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, biex tipprovdi għas-siġurta' tal-*Parte Civile* **OMISSIS** u biex jinżamm il-bon-

ordni pubbliku, tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni u torbot lill-ħati **OMISSIS** b'obbligazzjoni tiegħu innifsu għal żmien **<u>tnax (12)-il xahar taħt penali ta' ħames mitt Ewro (€500);</u>**

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**